# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

KUMPILAZZJONI NUMRU 102/01

Illum 06 ta' Lulju, 2001

Il-Pulizija
(spettur Neville Xuereb)

vs

Walid Sadeg Ramadan

**IL-QORTI**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli

1. F'dawn l-ahhar jiem ircieva passaport li gie trasferit lilu minn persuna ohra.

2. Fil-5 ta' Frar, 2001, dwar xi informazzjoni li ghandha tigi moghtija skond jew ghal finijiet tal-Att dwar Immigrazzjoni, ta jew gieghel li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex barra milli taghti piena skond il-ligi, tiddikjara lill-imsemmi persuna bhala immigrant ipprojbit u tohrog Ordni ta' Tnehhija fil-konfront tieghu.

Semghet lill-akkuzat, minn jeddu jammetti l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Issibu hati talli:

1. F’dawn l-ahhar jiem ircieva passaport li gie trasferit lilu minn persuna ohra.

2. Fil-5 ta’ Frar, 2001, dwar xi informazzjoni li ghandha tigi moghtija skond jew ghal finijiet tal-Att dwar Immigrazzjoni, ta jew gieghel li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz.

Rat l-artikoli 3 (b) tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikolu 32 (1c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikolu 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward piena, il-Qorti tara li, wara li semghet lill-partijiet, ma ghandiex tapplika dik stipulata mill-Ligi izda tapplika Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk tordna li l-akkuzat jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena millum.

In oltre tordna il-hrug tal-annessa formola ta’ Tnehhija kontra l-istess akkuzat.

Alan Calleja
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur